MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2004

Numru 340/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Lawrence Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Lawrence Attard bin Carmel u Georgina nee' Grech imwieled Victoria, Ghawdex, ta' karta ta' identita' numru 15064G, akkuzat talli fit-28 ta' April 2002 ghal habta tas-6:00 pm. gewwa Marsa:

1. ikkommetta serq ta' flus mill-fond Marsa Bocci Klabb ghad-detriment ta' Spencer Dominic mill-Marsa liema serq huwa aggravat bil-valur u vjolenza;
2. fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-

persuna ta’ Domenic Spencer skond kif iccertifika Dr. A. Carbonaro M.D mic-Centru tas-Sahha l-Floriana;
3. fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi hedded u sawwat lill-imsemmi Domenic Spencer;
4. fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi qal kliem oxen u dagha fil-pubbliku;
5. fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;
6. fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi sar recidiv b’diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti mitluba li minbarra l-piena skond il-Ligi tipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmi Domenic Spencer u flimkien mal-piena torbot lill-Lawrence Attard b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Ezaminat ix-xhieda;

Semghet lill-kwerelant.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’serq aggravat bil-valur u vjolenza, li kkaguna feriti hfief flimkien ma’ xi kontravenzjonijiet u recidiva.

Il-fatti huma li l-allegati misfatti sehhew waqt li l-imputat kien qieghed f’hanut jismu ‘Marsa Bocci Club’ fil-Marsa gestit minn certu Domnic Spencer. Fuq rapport li ghamel dak il-hin lill-Pulizija, li nsertaw kienu fl-inhawi, l-imputat twaqqaf xi kantuniera l-boghod mill-hanut u minn tficcija fuq il-persuna tieghu nstabet is-somma ta’ Lm127.45. Il-kwerelant stqarr li hu ma kienx ra lill-imputat johodlu l-flus izda ratu l-gharusa tieghu. Ikkalkula li kien hadlu bejn Lm60 u Lm80.

L-imputat fl-istqarrija tieghu stqarr li l-flus li kienu nstabu fuqu kienu tieghu.

Issa l-unika xhud li l-Qorti hi tal-fehma li tista' torbot fuqha fir-rigward l-akkuza ta' serq hija l-gharusa tal-kwerelant u dana stante illi l-kwerelant xejn ma kien konsistenti. Bhala fatt pero' x-xhieda tal-gharusa tieghu hija esplicita u korroborata mix-xhieda tal-pulizija li mill-but tal-imputat elevaw xi karti ta' flus. Mill-bqija ma jirrisulta xejn dwar l-aggravji addebitati.

Mill-akkuzi l-ohra jinsabu biss pruvati dik koncernati l-ferita hafifa u r-recidiva.

Fuq l-iskorta ta' dak fuq intqal din il-Qorti qeghdha ghalhekk issib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u wkoll li l-imputat hu recidiv. Rat l-Artikolu 284, 285, 221(1), 49, 50 u 17 tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta' Lm100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------